TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 246/10

**Joseph u Rita Pace**

**vs**

**Golden Travel Club Ltd.**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' disa' mija u wieħed ewro (€901), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq vjaġġ lejn l-Awstralja.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw tour u cruise lejn l-Awstralja, illi fost id-diversi nuqqasijiet kien li ma kellhomx il-breakfast fil-lukandi. Talbu rifużjoni ta' tmenin ewro (€80) kull wieħed ta' *full day excursion* li ma marrux u minflok marru għal *hop-on & hop-off* fuq ir-*red bus*, illi ħallsu ta' l-ikel għall-ġurnata żejda ġewwa Sydney, u ħallsu żejjed meta rikbu fuq il-vapur Sun Princess.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet bil-miktub illi tbiddel il-cruise minħabba d-dewmien tar-rikorrenti. Illi l-hotel kienet ta' kwalita' aħjar u frankaw ħafna flus tat-taxis peress li kienet f'post ċentrali. Illi minħabba li kkanċellaw it-tour ma setgħux jagħtu refund. Illi in kwantu għal-lejl żejjed ħallset għalih is-soċjeta' intimata. Illi onoraw it-tour tal-bus u li minħabba l-fatt illi r-rikorrenti aċċettaw it-tibdil, kienu jafu għalxiex ser jidħlu. Di piu huma qatt ma lmentaw waqt il-vjaġġ.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' intimata, billi l-hotel kienet iktar fiċ-ċentru u iktar ta' kwalita' tajba u li għalhekk dak qiegħed jiġi ikkompensat bil-fatti u ma kienx hemm il-*breakfast*.

Għall-fatt illi kienu kkanċellaw l-*excursions* meta ġja kienet ikkanċellata, t-Tribunal qiegħed jiċħad din it-talba wkoll.

Kif ukoll qiegħed jiċħad it-talba ta' l-*extra lunch/dinner room breakfast* stante li qed jemmen il-verżjoni tas-soċjeta' intimata li pprovdewlhom kollox.

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti tal-*full day excursion* tas-*city tour* u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u erbgħin ewro (€140), u li kellhom iħallsu l-*gratuities* għalkemm dan kien inkluż fil-prezz ta' mija u tlieta u sebgħin ewro (€173).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' tliet mija u tlettax-il ewro (€313), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, kif ukoll qed tiġi miċħuda t-talba tad-danni morali.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**